MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru. 342/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs.**

**Shanelle Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Shanelle Farrugia ta' 16-il sena bint Diane Farrugia, mwielda Pieta fit-28 ta' Marzu 1994 u residenti 116 Flat 1, Triq San Gwann, Bormla, ID 161794(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer f'Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-

Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni

- l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata.
- li kkoperat mal-pulizija,
- li fis-sedua tat-30 ta' April 2012 l-ufficjal prosekutur ddikjara li gh andha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u fic-cirkostanzi il-qorti tikkunsidra li l-piena ghandha tonqos bi grad,

- li meta kkomettiet ir-reat kienet ghadha minuri ta' 16-il sena,
- li minkejja l-eta zghira taghha, ghandha fedina penali rafrettarja li fiha 9 kundanni li l-maggoranza taghhom ghandhom x'jaqsmu ma prostituzzjoni,
- li l-imputata skontat piena karcerarja effettiva ta' 6 xhur habs u l-Qorti tittama li issa li kellha din l-esperjenza qarsa, ikollha l-motivazzjoni li tirriforma ruhha u hija ghal din ir-raguni biss li l-Qorti sejra taghtiha l-ahhar cans biex taqbad it-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) u tal-Kapitolu 101 kif wkoll l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti twissiet lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------